MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 2661/2002

**Nazzareno u Rita konjugi Aquilina**

**Vs**

**Evan Borg u Ruth Fenech**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta’ Dicembru 2002 fejn l-atturi talbu sabiex il-konvenuti ihallsu is-somma ta’ Lm800 (tmien mitt Lira Maltin) rapprezentanti ta’ xogholijiet ezegwiti mill-atturi fuq inkarigu tal-konvenuti.

Fl-Avviz tat-talba intqal:-
Illi l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-atturi is-somma ta’ tmien mitt lira Maltin (Lm800) rapprezentanti xogholijiet ezegwiti mill-atturi fuq inkarigu u ghall-beneficcju tal-konvenuti stess, skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar tas-6 ta’ Ottubru 1998.

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra interpellatorja tat-30 ta’ Ottubru 2002 u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Illi t-talba ta’ l-atturi ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom peress illi huma ghadhom ma ezegwewx ix-xoghlijiet fil-kuntratt notarili, u dana kif jidher mic-certifikat rilaxxjat mill-Perit Arkitett Ivan Piccinino.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi ai termini tal-kuntratt ta' trasferiment datat 6 ta' Ottubru 2004 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar, l-atturi obbligaw ruhhom li jlestu u jikkompletaw il-partijiet komuni tal-blokka, aktar u aktar meta kienu huma li bnewha. In kontro kambju, giet ritenuta s-somma ta' tmien mitt Lira (Lm800) mill-prezz tal-bejgh sabiex isiru x-xogholijiet miftehma.

Jirrizulta mill-provi prodotti mill-konvenuti, inkluz ir-rapport peritali taghhom, li l-istess xoghol miftehma u li l-atturi obbligaw ruhhom li jaghmlu li dawn ghandhom ma sarux. Huma jinsabu konfortati mill-istess attur fix-xhieda minnu moghtija fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2004.

Anke c-certifikat rilaxxjat mill-perit tal-atturi jissuffragahom. Dan ifisser li l-atturi ghadhom ma espletawx l-inkarigu minnhom assunt kontrattwalment. Ghad baqa xoghol xi jsir. Il-ftehim kien li jithallsu s-somma ta' tmien mitt Lira (Lm800) meta jsir xi xoghol. Ma jistghux jitolbu l-hlas in parte jew pagament akkont. Dana ma giex stipulat fil-kuntratt.

Jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------